

EMENDI 001-010

mill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Rapport**Jerzy Buzek****A8-0358/2016**

Programm ta' Riċerka tal-Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar

Proposta għal deċiżjoni (COM(2016)0075 – C8-0099/2016 – 2016/0047(NLE))

Emenda 1**Proposta għal deċiżjoni****Premessa 3***Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Jeħtieġ li jiġu riveduti r-regoli dwar il-kompetenzi u l-kompożizzjoni tal-Gruppi ta' Konsulenza u tal-Gruppi Tekniċi, b'mod partikolari fir-rigward tat-tip ta' esperti maħtura mill-Kummissjoni biex tkun żgurata aktar trasparenza kif ukoll konformità u koerenza mal-qafas għall-gruppi esperti tal-Kummissjoni, u jingħata kontribut, safejn huwa possibbli, għal rappreżentanza bilanċjata tal-oqsma rilevanti ta' għarfien u oqsma ta' interess kif ukoll għal bilanċ aħjar bejn is-sessi.

Emenda

(3) Jeħtieġ li jiġu riveduti r-regoli dwar il-kompetenzi u l-kompożizzjoni tal-Gruppi ta' Konsulenza u tal-Gruppi Tekniċi, **biex il-partijiet interessati rilevanti jkunu konxji tad-deliberazzjonijiet f'dawn il-gruppi**, b'mod partikolari fir-rigward tat-tip ta' esperti maħtura mill-Kummissjoni **u tal-influenza tagħhom**, biex tkun żgurata aktar trasparenza kif ukoll konformità u koerenza mal-qafas għall-gruppi esperti tal-Kummissjoni, u **biex** jingħata kontribut safejn huwa possibbli, għal rappreżentanza bilanċjata tal-oqsma rilevanti ta' għarfien u oqsma ta' interess kif ukoll għal bilanċ aħjar bejn is-sessi. **Madankollu jeħtieġ li tiġi rispettata d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Mejju 2016 li tistabbilixxi regoli orizzontali dwar il-ħolqien u l-funzjonament tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni u r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-kontroll tar-**

reġistru u l-kompożizzjoni tal-gruppi ta' esperti.

Ġustifikazzjoni

Il-proposta għal bidla tal-bażi ġuridika tal-Programm RFCS ġiet ippubblikata qabel ma l-KE ppubblikat aġġornament tar-regoli orizzontali dwar il-gruppi ta' esperti (Deċiżjoni tat-30 ta' Mejju 2016 li tistabbilixxi regoli orizzontali dwar il-ħolqien u l-funzjonament ta' gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni (C(2016)3301); Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kummissjoni – Qafas dwar il-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni: regoli orizzontali u reġistru pubbliku (C(2016)3300).

Emenda 2

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Huwa xieraq li ***jiġu kkunsidrati regoli aktar sempliċi ta' finanzjament*** li jiffaċilitaw il-partekipazzjoni ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju (SME) fil-Programm RFCS u li jkun permess l-użu ta' 'kostijiet unitarji' biex jiġu kkalkolati l-ispejjeż eliġibbli tal-persunal għas-sidien tal-SME u għal persuni fiżiċi oħrajn li ma jirċevux salarju.

Emenda

(4) Huwa xieraq li ***tiġi appoġġjata l-partekipazzjoni ġenerali*** ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju (SME) fil-Programm RFCS ***billi, inter alia, jiġu ssimplifikati r-regoli*** u li jkun permess l-użu ta' 'kostijiet unitarji' biex jiġu kkalkolati l-ispejjeż eliġibbli tal-persunal għas-sidien tal-SME u għal persuni fiżiċi oħrajn li ma jirċevux salarju.

Emenda 3

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(5a) ***Is-setturi tal-faħam u tal-azzar huma importanti fil-proċess ta' integrazzjoni Ewropea u għandhom rwol ewlieni fix-xena industrijali ġenerali tal-Unjoni. Fl-istess ħin, il-kundizzjonijiet tax-xogħol f'dawn is-setturi huma esiġenti u sikwit irriżultaw fi ħsara għas-saħħa tal-ħaddiema u ċ-ċittadini. L-installazzjonijiet u l-kumpaniji għandhom għalhekk jirrispettaw ir-rekwiżiti legali kollha dwar ir-responsabbiltà soċjali, joffru soluzzjonijiet definittivi, u***

Emenda

jimminimizzaw l-implikazzjonijiet soċjali ta' tranżizzjoni jew ta' għeluq ta' stallazzjonijiet. Is-sħab soċjali jeħtieġ ikunu kkonsultati sa fejn ikun possibbli dwar kwistjonijiet relatati ma' responsabbiltà soċjali.

Emenda 4

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – punt -1 (ġdid)

Deċiżjoni 2008/376/KE

Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-1) Fl-Artikolu 6(2), jiżdied il-punt li ġej:

“(ga) l-impatt tal-operazzjonijiet ta' tħaffir fil-minjieri fuq l-impjeg ta' ħaddiema u fuq il-komunità lokali;”

Emenda 5

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – punt -1a (ġdid)

Deċiżjoni 2008/376/KE

Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt gb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-1a) Fl-Artikolu 6(2), jiżdied il-punt li ġej:

“(gb) l-impatt tal-operazzjonijiet ta' tħaffir fil-minjieri fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema u tal-komunità lokali;”

Emenda 6

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – punt 1

Deċiżjoni 2008/376/KE

Artikolu 21 – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ia) il-valutazzjoni tal-proġetti finalizzati, inklużi miżuri ta' appoġġ addizzjonali biex tiġi żgurata l-kontinwità tagħhom u l-vijabbiltà fit-tul tal-produzzjoni tal-faħam u l-azzar fiż-żoni kkonċernati;

Emenda 7

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – punt 2

Deċiżjoni 2008/376/KE

Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Kull Grupp Konsultattiv għandu jkun kompost skont it-tabelli stabbiliti fl-Anness. Il-membri tal-Gruppi Konsultattivi għandhom ikunu individwi maħtura mid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni sabiex jirrappreżentaw interess komuni kondiviż mill-partijiet interessati. ***Mgħandhomx*** jirrappreżentaw parti interessata individwali, iżda għandhom jesprimu opinjoni komuni għad-diversi organizzazzjonijiet tal-partijiet interessati.

Kull Grupp Konsultattiv għandu jkun kompost skont it-tabelli stabbiliti fl-Anness. Il-membri tal-Gruppi Konsultattivi għandhom ikunu individwi maħtura mid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni ***tal-Kummissjoni*** sabiex jirrappreżentaw interess komuni kondiviż mill-partijiet interessati. ***Huma għandhom jaġixxu individwalment u m'għandhomx*** jirrappreżentaw parti interessata individwali, iżda għandhom jesprimu opinjoni komuni għad-diversi organizzazzjonijiet tal-partijiet interessati.

Emenda 8

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – punt 2

Deċiżjoni 2008/376/KE

Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Huma għandhom ikunu attivi fl-oqsma kkonċernati u għandhom ikunu konxji mill-prijoritajiet industrijali.

Huma għandhom ikunu attivi fl-oqsma kkonċernati u għandhom ikunu konxji mill-prijoritajiet industrijali ***u settorjali.***

Emenda 9

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – punt 3

Deċiżjoni 2008/376/KE

Artikolu 24 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-membri tal-Gruppi Tekniċi għandhom jinħatru fil-kapaċità personali tagħhom mid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni.

Emenda

Il-membri tal-Gruppi Tekniċi għandhom jinħatru fil-kapaċità personali tagħhom mid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni ***tal-Kummissjoni***.

Emenda 10

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – punt 9

Deċiżjoni 2008/376/KE

Artikolu 39

Test propost mill-Kummissjoni

Għall-ħatra ta' esperti indipendenti u ferm ikkwalifikati msemmija fl-Artikolu 18, l-Artikolu 28(2) u l-Artikolu 38, id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 (*) għandhom japplikaw b'analoġija.

Emenda

Għall-ħatra ta' esperti indipendenti u ferm ikkwalifikati msemmija fl-Artikolu 18, l-Artikolu 28(2) u l-Artikolu 38, id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(*)*** għandhom japplikaw b'analoġija, ***għall-gruppi ta' esperti kollha, flimkien mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Mejju 2016 li tistabbilixxi regoli orizzontali dwar il-ħolqien u l-operat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni u r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-kontroll tar-reġistru u l-kompożizzjoni tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni***.

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f'"Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p.

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f'"Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p.

81).”;

81).”;

Ġustifikazzjoni

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ġiet ippubblikata wara l-proposta tal-RFCS, għalhekk din tal-aħħar għandha tqis il-kontenut tagħha. Kif semma r-rapporteur tal-Parlament, ikun siewi wkoll li r-rapport attwali jkun konsistenti mar-riżoluzzjoni 2015/2319(INI) li jmiss tal-Parlament u m'għandu, bl-ebda mod, jippreġudika l-eżitu tagħha.